# DEĊIŻJONIJIET

TAL-

# QRATI SUPERJURI TA' MALTA

---

## L-EWWEL PARTI

## QORTI TA' L-APPELL

---

## L-EWWEL SEZZJONI — AWLA ĊIVILI

---

16 ta' Jannar, 1950.

Imħallfin :

L-Onor. Sir George Borg, Kt., M.B.E., LL.D., *Pres.*

L-Onor. Dr. L.A. Camilleri, LL.D.

L-Onor. Dr. A.J. Montanaro Gauci, LL.D.

Nutar Dr. Carmelo Giuseppe Vella *versus* Onor. Dr. Louis Galea ne.

**Qorti Kolleġjali tar-Reviżjoni ta' l-Attijiet Notarili — Nutar — Taxxa tas-Suċċessjoni u Donazzjoni — Art. 28 tal-Kap 70.**

*Meta f'kuntratt ta' bejgħ jew ta' trasferiment ieħor ta' beni stabili jew ta' drittijiet reali inerenti għal stabili n-nutar jiddikjara illi dak it-trasferiment mhux imponibili, għax il-beni li jifformaw l-oġġett tiegħu ġejjin minn diviżjoni, u isemmi n-nutar li rċieva l-att tad-diviżjoni u d-data li fiha sar dak l-att, il-vot tal-liġi huwa illi t-taxxa tas-suċċessjonijiet u donazzjonijiet kienet soddisfatta. Għax bħal dik l-indikazzjoni n-nutar ikun ta raġuni suffiċjenti għala t-trasferiment kien eżenti minn dik it-taxxa.*

Il-Qorti; — Rat id-deċiżjoni tal-Qorti ta' Reviżjoni ta' l-Attijiet Notarili bħala Qorti Kolleġjali, mogħtija fil-15 ta' Lulju 1949, li biha l-esponent Nutar Dottor Carmelo Giusep-

ppe Vella ġie kkundannat għall-multa ta' £5, ċjoè lira għal kull kontravvenzjoni, u dana billi d-dikjarazzjoni fil-hames attijiet indikati f'dik id-deċiżjoni l-Qorti rriteniet illi ma kienetx a tenore ta' l-art. 28 (2) tal-Kapitolu 70 Edizzjoni Riveduta tal-Liġijiet ta' Malta;

Rat ir-rikors ta' l-appellant Nutar Dr. Carmelo Giuseppe Vella, li bih dana talab quddiem dina l-Qorti r-revoka tad-deċiżjoni tal-Qorti Kolleġjali ta' l-Attijiet Notarili fuq imsemmija tal-15 ta' Lulju 1949, u talab li jiġi dikjarat li d-dikjarazzjoni msemmija fl-attijiet hija skond il-liġi, u li konsegwentement huwa jiġi meħlus minn kwalunkwe multa;

*Omissis;*

Ikkunsidrat;

Illi fil-ħames attijiet publikati mill-appellant fl-1 ta' Marzu 1930, 25 ta' Jannar 1945, 2 ta' Mejju 1946, 27 ta' Lulju 1943 u 9 ta' Awissu 1944 rispettivament, l-appellant għamel id-dikjarazzjoni għall-finijiet tas-sezzjoni 28 (2) tal-Kap. 70 tal-Liġijiet ta' Malta, li l-fondi msemmija f'dawk l-attijiet ta' bejgħ kienu ġew għand ir-rispettivi vendituri bis-saħħa ta' att ta' qasma, u żied semma d-data ta' l-att tal-qasma u isem in-nutar li kien irċevihom;

Li skond is-sezzjoni 28 ta' l-Ordinanza dwar it-Taxxi tas-*Suċċessjoni u Donazzjoni* (Kap. 70 *tal-Liġjiet*), fl-attijiet ta' qsim, ta' bejgħ, jew assenjazzjoni oħra jew trasferiment ta' immobili, jew ta' jeddijiet imgħaqqdin jew li għandhom x'jaqsmu ma' immobili, in-nutar għandu jsemmi d-data li fiha saret id-denunzja u tħallset it-taxxa, jew li fiha ttieħed l-obbligu tal-ħlas tagħha. Iżda jekk il-beni jew jeddijiet hawn fuq imsemmija ma jkunux soġġetti għat-taxxa, in-nutar għandu jsemmi fl-att din iċ-ċirkustanza, u jagħti r-raġuni tagħha. In-nutar ma jistax jgħaddi għall-pubblikazzjoni ta' l-att fuq imsemmija qabel ma jivverifika jekk dawk il-beni jew jeddijiet humiex soġġetti għat-taxxa, jekk saretx id-denunzja, u jekk tħallsitx it-taxxa jew ittieħedx l-obligu tal-ħlas tagħha. Minn dana jidher li meta tkun saret il-publikazzjoni ta' att ta' qsim regolarment, bilfors tkun *saret id-denunzja u tħallset* it-taxxa jew ġie meħud l-obligu tal-ħlas tagħha, kemm-il darba l-beni jkunu suġġetti għat-taxxa; u fil-każ ta' eżenzjoni, fl-att bilfors tkun issemmiet l-eżenzjoni u r-raġuni

tagħha; u għalhekk il-beni ma jkunux iżjed imponibili għall-kondividenti;

Immeta meta n-nutar fl-att ta' bejgħ isemmi li l-fond mbux suġġett għat-taxxa għax ġie f'idejn il-bejjiegħ b'att ta' qsim publikat fit-tali data mit-tali nutar, huwa jkun ta raġuni sufficjenti ta' l-eżenzjoni, u ssodisfa l-vot tal-liġi biżżejjed. U' tabilħaqq, l-iskop tal-liġi evidentement huwa l-ħarsien ta' l-erarju publiku mill-evażjoni tat-taxxa; u dak l-iskop huwa ragġunt sewwa meta fl-att jissemma l-att tal-qsim bid-data u bl-isem tan-nutar li rċevieh. Fil-prattika notarili jirriżulta li minn bosta snin il-liġi ġiet interpretata u applikata f'dak is-sens, anki bl-approvazzjoni tal-Qorti Kolleġjali tar-Reviżjoni ta' l-Attijiet Notarili, kif jidher mid-dokument eżibit fil-fol. 18 tal-proċess u mix-xhieda tan-Nutar tal-Gvern, Dr. Carmelo Farrugia u tan-Nutar Franceseco Catania. Dik l-interpretazzjoni konswetudinarja hija ċertament gwida ta' min joqgħod fuqha; iżjed u iżjed meta wieħed jikkunsidra li hija bażata fuq is-sens komun u s-sens prattiku;

Illi għaldaqstant l-appellant ma kiserx il-liġi u ma naqasx mid-dmir li timponilu dik is-sezzjoni 28 fuq imsemmija, bid-dikjarazzjoni kif għamilha fl-attijiet in kwistjoni;

Għal dawn ir-raġunijiet;

Tilqa' l-appell tan-Nutar Dr. Carmelo Giuseppe Vella, tirrevoka s-sentenza tal-Qorti Kolleġjali tar-Reviżjoni ta' l-Attijiet Notarili mogħtija fil-15 ta' Lulju 1949, fuq imsemmija, u tillibera lill-appellant. Bl-ispejjeż kontra l-appellat nomine.